RABAT

*KUNSILL LOKALI IR-RABAT*

**MINUTI tal-Laqgħa A 14**
**Il-Kumitat Amministrattiv tal-Virtu` iltaqa` nhar**
**It-Tlieta 4 ta' Ottubru 2011 fis-6:30 p.m.**
**fl-Uffiċċji Amministrattivi f'nru 8, Triq l-Isptar, Rabat**

* Data u ħin

** **Preżenti għal-Laqgħa:** Attendenza

| | |
|---|---|
| Is-Sur Lino Pace Bonello | Chairperson |
| Is-Sur Anthony Grixti Soler | Vici-Chairperson 6.55 p.m. |
| Is-Sur Christopher Farrugia | Membru 6.50 p.m. |
| Is-Sna. Cecilia Bonello | Membru |
| Is-Sna. Etienne Stephania Gatt | Membru |
| Is-Sna. Orietta Masini Cardona | Agent Segretarju Ezekuttiv |

Il-laqgha bdiet fis-6.35 p.m.

1.00 **Qari u Korrezzjoni tal-Minuti A13**

1.01 Ic-Chairperson is-Sur Lino Pace Bonello ppropona li l-minuti tas-seduta numru A 13 tal-Kumitat Aministrattiv ta' tal-Virtu' jittieħdu bħala moqrija. Issekondat din il-proposta s-Sna Cecilia Bonello. Qari u Korrezzjoni tal-Minuti A13

1.02 Is-Sur Lino Pace Bonello nnota li l-minuta 5.03, ghandha tigi kkoreguta u tigi taqra hekk:
*Is-Sur Lino Pace Bonello rrimarka dwar il-konok tas-sigar li jinsabu fi Triq Godwin Ganado li mhux qeghdin sew u allura ssuggerixxa li biex inkomplu nsebbhu din l-akwata, ghandu jitnehha l-ilqugh tal-konok sabiex isiru aktar puliti. Il-Kumitat qabel.*

1.03 Dwar minuta 6.01 is-Sur Lino Pace Bonello qal li l-kelma *'cioe'* ghandha tinbidel u tigi taqra '*kif ukoll'*.

1.04 Dwar minuta 8.04 is-Sur Lino Pace Bonello qal li l-kelma *'hallow'* trid tigi taqra *'hollow'*.



KUNSILL LOKALI RABAT
8, Triq l-Isptar, Rabat RBT 1043, Malta Tel: (+356) 21455000 / 21451510 / 21454533
Fax: (+356) 21451945 e-mail: rabat.malta.lc@gov.mt

* Is-Sur Chris Farrugia dahal ghal-laqgha fis-6.50 p.m.

**2.00 Approvazzjoni tal-Minuti A13**

2.01 Ic-Chairperson is-Sur Lino Pace Bonello ppropona li l-minuti jigu approvati. Issekondat din il-proposta s-Sna Cecilia Bonello.

Approvazzjoni tal-Minuti A13

* Il-Profs. A. Grixti Soler dahal ghal-laqgha fis-6.55 p.m.

**3.00 Punti li johorgu mil-Minuti A13**

Punti Mqajma

3.01 Dwar minuta 4.02 Is-Sur Lino Pace Bonello qal li ma jaqbilx mal-frazi: *'u mhux joqghod jikteb is-Sindku fuq kull haga'.* Huwa bhala Chairperson m'ghandux jaqbez il-konfini li jahdem fuqhom bhala Chairperson, jigifieri huwa jrid javza lill-Agent Segretarju Ezekuttiv, hi tavza lis-Sindku u mbaghad jikteb hu. Qed jghid hekk mhux ghax ma jaqbilx, izda ghax ir-regoli ma jaghtuhx din l-awtorita`. Ghaldaqstant, huwa kompla billi qal li m'ghandux dritt jinforma lis-Sur Austin Walker direttament peress li l-operat tal-Kumitat Amministrattiv huwa ggwidat minn dawn ir-regolamenti.

Azzjoni dwar il-Progett tad-Dahla

3.01.1 L-Agent Segretarju Ezekuttiv staqsiet lis-Sur Lino Pace Bonello jekk kienx kiteb lis-Sur Austin Walker peress li konna ghadna ma hadna l-ebda risposta. Kull ma rcevejna kienet 'automated acknowledgement' ta' l-email li bghat is-Sindku.

3.01.2 Is-Sur Lino Pace Bonello qal li mhux lest li jikteb wahdu lis-Sur Austin Walker peress li baqa` jinsisti li m'ghandux awtorita jaghmel hekk.

3.01.3 L-Agent Segretarju Ezekuttiv qalet li r-regolamenti qed jiggwidaw il-Kumitat Amministrattiv dwar kif timxi l-procedura. Fil-kaz tal-progett tad-dahla, s-Sindku tah il-'go ahead' biex fuq din il-kaz ma joqghodx jistenna lilu, izda jista` jinsisti ma' l-awtoritajiet ikkoncernati hu bhala chairperson ta' l-istess KA. L-importanti li jzomm lis-Sindku u lill-membri tal-KA infurmati bil-korrispondenza kollha li tkun ghaddejja bejnu u bejn is-Sur Austin Walker.

3.01.4 Is-Sur Chris Farrugia ippropona li l-ittra tigi iffirmata mill-membri kollha tal-Kumitat Amministrattiv.

3.01.5 Il-Profs. Grixti Soler qal li qed jintilef hafna zmien prezzjuz. Huwa sahaq li s-Sur Pace Bonello qed ikun ~~attent izzejjed~~ 'too cautious'. Wasalna f'Ottubru u l-progett irid jigi iffinalizzat sa' l-ahhar ta' Novembru 2011.

3.01.6 Is-Sna. Cecilia Bonello qalet li kieku c-Chairperson ma setghax jikteb f'isem il-KA, s-Sindku ma kienx ser jaghtih il-'go ahead' biex jaghmel hekk.

3.01.7 L-Agent Segretarju Ezekuttiv sahqet li jekk ikun hemm korrispondenza minghand il-Kumitat Amministrattiv ukoll, din tkun tista' tintuza bhala prova li saret pressjoni kemm mill-Kunsill, kif ukoll mill-Kumitat Amministrattiv. Din il-prova ser ikollna bzonnha meta nitolbu lid-Dipartiment ghall-Gvern Lokali biex jigi estiz iz-zmien biex jitlesta dan il-progett.

3.01.8 Is-Sur Chris Farrugia qal li meta nitolbu ghall-estensjoni, ghandu jissemma l-fatt li l-Kumitat ma kellux problemi mill-lat politiku. Il-problema principali kienet mil-lat tekniku.

3.01.9 Is-Sur Lino Pace Bonello qal li meta niltolbu ghall-estensjoni, ghandu jissemma l-fatt ukoll li kellna diversi Segretarji Ezekuttivi f'dawn l-ahhar xhur.

3.01.10 Il-Kumitat qabel li s-Sur Lino Pace Bonello ghandu jikteb lis-Sur Austin Walker. Ghandu jibghat ittra registrata u fl-ittra nitolbuh ghal appuntament. Il-Kumitat qabel.

3.02 Dwar minuta 8.04 Is-Sur Chris Farrugia talab biex niktbu lil GO plc sabiex jikkunsidraw jekk jistawx jispustjaw din il-kaxxa u jpogguha aktar fil-qalba tas-'soft area' sabiex tkun aktar mohbija, izda fl-istess hin ikun facli ghalihom biex jaghmlu l-manutenzjoni fuqha. Fl-istess hin ghandna nitolbuhom ghas-sensittivita taghhom rigward l-ambjent. 'Cabinet & Hollow Plinth' tal-GO plc fi Triq C Fiamingo k/m Triq F Azopardi

3.02.1 Is-Sur Lino Pace Bonello qal li jekk idahhluha aktar fil-'bushes', meta jigu biex jaghmlu xi tiswijiet fuqha, ikissru l-'bushes'. Ghaldaqstant, huwa ssuggerixxa li din tinqalha minn fejn hi u titpogga fi Triq Godwin Ganado faccata ta' Triq Robert Samut, in-naha ta' l-ghelieqi,

3.02.2 Is-Sna. Orietta Masini Cardona qalet li ser tibghat il-'works monitor' tal-Kunsill jiehu ritratt ta' fejn qed jissuggerixxu li ghandha tigi u ser tikteb lil GO plc bit-talba

tal-Kumitat. Il-Kumitat qabel.

**4.00 Diskussjoni dwar il-finanzi**

Diskussjoni dwar il-finanzi

4.01 Is-Sur Lino Pace Bonello irrimarka li fl-ahhar rapport finanzjarju li kien sar f'Marzu 2011 il-KA kellu 'surplus'. Hu staqsa jekk dan is-surplus kienx ghadu jezisti.

4.02 L-Agent Segretarju Ezekuttiv infurmat il-laqgha li wara li ddiskutiet mal-'accountant' tal-kunsill u rreferit mal-att dwar il-kunsill lokali hareg li m'ghandux ghalfejn jinhareg 'quarterly financial statements'. Ghaldaqstant l-Agent Segretarju Ezekuttiv ipproponit li kull fejn ikun hemm il-htiega jigi msejjah l-'accountant' tal-kunsill lokali biex jispjega kemm il-finanzi tal-KA u kif ukoll biex iwiegeb xi mistoqsijiet li jaghmlu l-membri.

4.03 Il-Profs. Grixti Soler issuggerixxa li jibdew issiru l-'financial statements' kull sitt xhur.

4.04 Is-Sur Chris Farrugia qal li l-aktar haga mportanti hi li nkunu nafu f'hiex qeghdin fil-finanzi.

4.05 Kien hemm qbil bejn il-membri kollha li l-'financial statements' isiru biss fl-ahhar tas-sena.

**5.00 Zviluppi dwar il-progett tad-Dahla**

Zvilupp dwar il-Progett tad-Dahla

5.01 Is-Sur Lino Pace Bonello qal li dan is-suggett diga gie diskuss f'punt numru 3 fejn gie deciz li ssir korrispondenza mal-MEPA fejn ghandna nuru l-preokupazzjoni taghna li ser jiskadi z-zmien li l-progett taghna jsehh.

5.02 Il-Profs. Grixti Soler irrimarka li ahna lkoll qed nirsistu, izda mhux qed naraw rizultat.

**6.00 Affarijiet Ohra**

Ilmenti dwar l-Arriva

6.01 Is-Sna. Orietta Masini Cardona qalet li l-punti li qajjem il-KA rigward l-ilmenti tar-residenti minhabba s-servizz ta' l-Arriva, ser ikunu inkluzi fir-rapport li ser jipprezenta l-Kunsill sabiex l-ilmenti jkunu mnizzla kollha f'rapport wiehed.

**7.00 Aggornament**

7.01 Il-Kumitat qabel li l-laqgha li jmiss ghandha ssir nhar it-Tlieta 8 ta' Novembru 2011 fis-6.30 p.m. Aggornament

7.02 Il-laqgha ntemmet fit-7.40 p.m.

**Lino Pace Bonello**
**Chairperson**

**Orietta Masini Cardona**
**Agent Segretarju Eżekuttiv**